TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 71/14-F

**Nicholas u Maria Dolores Farrugia**

**vs**

**Edwards & Lowell Company Ltd.**

Illum 30 ta' Settembru, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-16 t'April, 2014 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' tliet elef ewro (€3,000), rappreżentanti prezz ta' arloġġ *Rolex* li ma baqax jaħdem u minkejja li ħaduh għand is-soċjeta' ntimata għat-tiswija, wara xi tliet xhur xorta reġa' waqaf jaħdem.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu xtraw arloġġ Rolex minn Palma de Majorca għall-prezz ta' tliet elef ewro (€3,000) u peress li kien għadu taħt il-garanzija ħaduh għand l-aġent hawn Malta sabiex jissewwa. Id-ditta ntimata ppruvat sabiex tara x'għandu, pero' wara tliet xhur reġa' waqaf.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi dan huwa arloġġ illi jaħdem bil-polz biss u mhux bil-batterija, u li jrid jintlibes il-ħin kollu sabiex jibqa' jaħdem u li jekk jitneħħa mill-idejn jitlef l-eżattezza tiegħu.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, qed jemmen iktar il-verżjoni tas-soċjeta' ntimata stante li dan huwa arloġġ tal-polz u li ma jaħdimx bil-batterija, u li jrid jintlibes għal ħafna ħin sabiex jibqa' jaħdem.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888